Ħbieb
il-Kappelli
Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Diċembru 2025

Ħarġa Nru 53



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin2024@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORIAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Wasalna fl-aħħar xahar tas-sena! Kif ġerà ż-żmien, għaddew ħdax-il xahar u issa se niċċelebraw il-festi sbieħ tal-Milied u l-għeluq tas sena 2025, u l-mistennija għas-sena ġdida.

Naħseb li lkoll taqblu li din is-sena kienet waħda posittiva kemm għalikom il-membri kif ukoll għalina, il-membri tal-Kumitat. Bħala Kumitat, taħt it-tmexxija għaqlija u ħabbrika tal-President il-ġdid, mexa b'direzzjoni ċara u organizzata sabiex ilħaqna l-miri li ppjanajna fis-sajf tas-sena 2024. Dan sar billi kull membru tal-Kumitat kellu l-parti tiegħu x'jagħmel biex b'hekk il-piż inqasam bejn kulħadd. Min ħa ħsieb iċempel lil kappillani, min ħa ħsieb it-trasport, min ċempel lil każini, minn ħa ritratti u ġabar l-informazzjoni, minn issettja l-fuljett, min ħa ħsieb il-membri u l-posta tal-fuljett, u xogħol ieħor, u dan kollu barra ix-xogħol tas-Segretarju u tat-Teżorira, li dejjem għamlu xogħolhom bil-galbu. Hekk li rnexxilna li norganizzaw attività KULL xahar u rnexxilna noħorġu l-Fuljett regolarment.

Minn naħa tagħkom il-membri, il-Kumitat ferħan bil-koperazzjoni li ttuna kull meta nsejħulkom. U aktar minn hekk ninsabu sodisfatti bil-kbir bl-attendenza numeruża tagħkom għal kull attività fejn kellna medja ta' kważi 60 ruħ. Dan jagħmel kuraġġ lilna tal-Kumitat sabiex inkomplu nistinkaw sabiex norganizzaw aktar żjarat fil-knejjes / kappelli li huma tant għal qalbna, kif ukoll attivitajiet oħra. Nieħu din l-opportunita f'isem il-Kumitat biex nirringrazzjaw lil koppja Maria u Mario Micallef li ta' kull xahar iħeġġu lil bosta Żabbarin biex jattendu għal attivitajiet tagħna u tat-trasport li jorganizzaw.

Infakkarkom li f'Jannar 2026 se tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn is-Segretarju u t-Teżoriera jagħtuna rendikont kemm amministrattiv kif ukoll finanzjarju. Il-President tagħti wkoll il-messaġġ tagħha.

Billi l-perjodu tal-Kumitat preżenti se jintemm f'Jannar wara sentejn fil-kariga, se jkun jinħtieġ li ssir elezzjoni ġdida sabiex jiġi maħtur Kumitat ġdid, dejjem jekk ikun hemm kontestanti biżżejjed. Inħeġġeġ lil dawk li għandhom għal qalbom din l-Għaqda u jixtiequ jagħtu servizz / kontribut tagħhom, sabiex jissottomettu n-nomina tagħhom għall-elezzjoni, skont il-proċeduri tal-Istatut. Dawn il-proċeduri ser jintbagħtulkom meta tirċievu ċ-ċirkolari apposta.

Għalkemm qed tirċievu dan il-Fuljett fil-bidu tax-xahar ta' Diċembru, f'isem il-Kumitat nixtiequlkom Milied qaddis, hieni u fil-paċi li jagħtina l-Mulej, kif ukoll sena mimlija saħħa, paċi u ġid.

Narawkom ħbieb fl-attività li jmiss.

*N. Gingell*
Għall-Kumitat

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

L-altar tal-Kappella ta' San Ġwann Battista, Ħal Għargħur

Ritratt: Norbert Gingell

# Il-Knisja ta' San Nikola, Ħal Għargħur



Il-knisja ta' San Nikola minn barra

Minkejja li r-raħal ta' Ħal Għargħur hu meqjus bħala ċkejken, fih insibu diversi knejjes u kappelli li wħud minnhom imorru lura ħafna fiż-żmien. Fost dawn insibu dik li hi ddedikata lil San Nikola li tinsab int u sejjer lejn il-knisja parrokkjali ta' San Bartilmew ftit 'il fuq mill-knisja ta' San Ġwann il-Battista.

Din il-knisja tissemma l-ewwel darba fir-rapport taż-żjara pastorali li għamel Monsinjur Dusina fl-1575. Ħal Għargħur kien għadu jagħmel parti mill-parroċċa tan-Naxxar. Dusina kien sab lil din il-knisja fi stat ħażin ħafna, b'saqaf imġarraf u ħadd ma kien qed jieħu ħsiebha. Dusina kien ipprofanaha u ordna li l-ġebel tagħha jiġi użat fil-bini tal-knisja tan-Naxxar.

Minkejja dan jidher li l-knisja kienet reġgħat inbniet malajr għax l-isqof Cagliares, fiż-żjara tiegħu tal-1615, kien sabha fi stat tajjeb. Huwa jsemmi li fil-knisja kien hemm xbieha tal-qaddis magħmula ġdida, terħa, alba rrigata, paviment tajjeb u lampier quddiem l-altar li kien jinxtegħel mill-ġbir tad-devoti ta' dan il-qaddis. Il-knisja kellha ċens bollali li kienet rebħet minn kawża li kellha mal-knisja ta' San Ġwann Battista. Dak iż-żmien ċertu Marku Agius kien obbligat jagħti sitt irbgħajja fis-sena biex jinxtegħel il-lampier, jagħmlu l-ewwel għasar u quddiesa fil-festa.

Fiż-żjara tal-isqof Mons. Pietro Francesco Pontremoli, Vigarju Ġenerali tal-Isqof Cubelles li kien għamel f'Ħal Għargħur fl-1634, inkiteb li fil-knisja kien hemm pittura fuq it-tila li turi lil San Nikola Isqof. Jissemma' wkoll li l-knisja kienet tgawdi mill-immunità ekklesjastika u li kellha kapital ta' ħdax–il onċja u 15–il tari. L-isqof

Pontremoli fir-rapport tiegħu jsemmi li quddiem il-bieb ta' din il-knisja li jħares lejn il-punent kien hemm ċimiterju żgħir. Hu kien ordna li ssir lapida dwar dan man-naħa tax-xellug tad-dħul tal-knisja.

Meta l-isqof Molina fil-1680 żar din il-knisja, jgħid li din kienet reġgħet inbniet fl-istess sena taż-żjara tiegħu. Imma l-atti taż-żjarat tal-isqfijiet Cagliares u Pontremoli li diġà rreferejna għalihom juru li l-knisja kienet diġà nbniet u tinsab f'kundizzjoni tajba sa mill-inqas fl-1615.

L-isqfijiet Astiria u Alpheran de Bussan fl-1673 u fl-1744 rispettivament, għamlu ż-żjarat tagħhom. L-isqof de Bussan ikompli jżid li l-knisja kienet tinsab fi stat tajjeb ħafna u jgħid li ta' kull 6 ta' Diċembru, il-jum tal-festa liturġika ta' San Nikola, fil-knisja kienet tiġi ċċelebrata l-festa li kienet tinkludi wkoll il-primi vespri u quddiesa kantata mid-dħul ta' 30 onċja li din il-knisja kienet taqsam ma' dik ta' San Ġwann fl-istess raħal.

Il-knisja ta' San Nikola għalkemm mhux kbira fid-daqs hi ddekorata sabiħ ħafna fis-sempliċità tagħha. Għandha saqaf troll li hu l-istil li kien jiġi użat f'kappelli li nbnew fis-seklu 17. Is-saqaf hu maqsum b'erba' kustilji tal-ġebel li jserrħu fuq gwarniċ sempliċi tal-ġebel li jdawwar il-knisja. Għandha altar wieħed li hu mżejjen b'ventartal tad-drapp. L-altar, li hu elevat b'żewġ tarġiet 'il fuq mill-bqija tal-knisja, għandhu żewġ bankijiet tal-ġebel jikkumplimentawħ, wieħed fuq kull naħa, imwaħħlin mal-ħajt fuq il-ġnub tal-knisja.

Il-kwadru titulari, li juri lil San Nikola f'qagħda monumentali, jidher li sar f'nofs is-seklu 17 u hu attribwit lil Gaspare Formica, artist minn Piacenza fl-Italja li għal xi żmien kien ġie jgħix f'pajjiżna. Il-kwadru juri lil San Nikola li f'id waħda għandu l-baklu tal-Isqof u fl-oħra jidher qed ibierek lill-fidili. L-isfond juri xenarju naturali li joħroġ tajjeb ħafna l-personalità ta' San Nikola. Dan il-kwadru bit-tempera kien




L-altar tal-knisja ta' San Nikola

sofra ħafna bix-xemx u l-umdità, u ġie rrestawrat fl-1985 minn Alfred Briffa. Il-prospettiva li ddawwar lil dan il-kwadru titulari hi dekorattiva ħafna u sabiħa wkoll.

Il-faċċata tal-knisja hi wkoll eleganti għalkemm sempliċi ħafna fl-istess ħin. Il-bieb ewlieni tal-knisja hu mdawwar b'żewġ pilastri u fuqu nsibu gwarniċa tal-ġebel. Fuq il-bieb insibu tieqa mdaqqsa li tagħti d-dawl lill-knisja. Fuq din it-tieqa hemm pediment triangulari u fuqu hemm salib żgħir tal-ġebel. F'dan il-pediment insibu żewġ imwieżeb tal-ilma, wieħed fuq kull naħa. Dawn l-imwieżeb, li ssoltu nsibuhom fil-ġenb tal-knejjes, jinsabu fuq il-faċċata f'din il-knisja għax il-knisja għandha l-bini jmiss magħha fuq kull naħa. Din il-knisja għandha wkoll zuntier żgħir.

Għal xi żmien din il-knisja kienet tintuża biex fiha jinżammu l-istatwi tal- Ġimgħa l-Kbira li f'Ħadd il-Palm jinħarġu proċessjonalment mill-knisja parrokkjali. Iżda wara li l-knisja kienet ġiet rinovata fl-2005, illum saret sagramentali. Illum tkun miftuħa għal ħafna ħin matul il-gurnata fejn wieħed ikun jista' jagħmel viżta lil Ġesù Sagramentat.




San Nikola ta' Bari

*Gaspare Formica ( ? - 1647)*
*Kappella San Nikola ta' Bari - Għargħur*

Silta mill-kitba ta' Roderick Busuttil meħuda mill-ktieb ta' Francis Pace

*"Il-Gargur – In-nies u l-knejjes tiegħu"*

*Għall-artiklu sħiħ idħol fis-sit Kappellimaltin.com*

*Ritratti: N Gingell, Owen Caruana*





# Il-Knisja ta' San Gwann il-Battista, Ħal Għargħur



L-altar ewlieni

L-aktar knisja storikament importanti f'Ħal Għargħur hi dik iddedikata lil San Ġwann il-Battista. Hija waħda mill-eqdem knejjes li nbnew f'pajjiżna għax jingħad li din kienet inbniet bejn l-1223 u l-1225 minn persuni li kienu ġew minn Celano, illum fil-provinċja tal-Aquila, fir-reġjun tal-Abruzzo fl-Italja. Dawn kienu ħaduha kontra ir-Re Federiku II u ġew eżiljati minn pajjiżhom u ntbagħtu jgħixu fi Sqallija u f'Malta. Taħt Federiku II, Malta kienet qed tiġi gvernata direttament bħala fewdu minn Eneriku "Pescatore", Konti ta' Malta li oriġinarjament kien minn Ġenova u li skont Abulafia, ismu propju kien Erico jew Arrigo de Castro jew de Castello.

Kien f'dan iż-żmien li l-influenza u kultura Għarbija Musulmana bdiet tmur lura u tinbidel f'waħda Latina u Kristjana għax bejn is-suldati stazzjonati hawn u bejn l-influss ta' Sqallin, inkluż xi nobbli u Taljani, Malta reġgħet bdiet issir Nisranija. Il-fatt li din il-knisja ġiet iddedikata lil San Ġwann il-Battista minn dawn il-persuni hu minħabba li f'belthom kien hemm devozzjoni qawwija lejn dan il-qaddis u saħansitra kien hemm knisja ddedikata lilu.

L-istoriku Achille Ferres fil-ktieb tiegħu *"Descrizzione Storica delle Chiese di Malta e Gozo"* tal-1866, jikteb li kienet inbniet wara li Malta kienet meħlusa mill-Għarab. Ferres isemmi wkoll li hemm tradizzjoni li tgħid li fiċ-ċimiterju kien ġie midfun Isqof li kien miet bil-pesta fuq il-baħar u l- katavru tiegħu kien inġieb hemm minn San Pawl il-Baħar. Ferres jgħid li fuq wieħed mill-oqbra kien hemm impinġija mitra biex tfakkar il-memorja ta' dan l-Isqof.

Monsinjur Dusina jsemmi li din kienet l-eqdem knisja tar-raħal, u jsemmi li għalkemm kellha altar u bibien tal-injam ma kellhiex rettur u kienet nieqsa minn ħafna affarjiet. Dusina jgħid ukoll li fil-passat din il-knisja, dak iż-żmien imsejjħa Tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista, kienet isservi ta' parroċċa.

L-Isqof Tommaso Gargallo fil-1589 kiteb li f'dan iċ-ċimiterju kien hemm ħafna nies li kienu ndifnu hemm meta din il-knisja kienet tissostitwixxi l-parroċċa. Għaxar snin

wara, in-nies tal-inħawi kienet qed tgerger li l-kappillan ma kienx għadu jżomm l-impenji li kien iżomm qabel. Kull meta ma setgħax jattendi hu, kien jibgħat sostitut. Il-kappillan kien ukoll ibierek l-oqbra ta' din il-knisja kull nhar ta' 2 ta' Novembru. Meta l-kappillan waqaf milli jonora dawn l-obbligi kif ukoll minħabba l-istat tal-knisja nnifisha u l-altar tagħha, l-isqof Gargallo ordna li din il-knisja jitteħdula d-dħul li kellha.

L-isqof Cagliares fiż-żjara tiegħu fl-1615 issemmi li din il-knisja kellha xbieha ta' San Ġwann, terħa u anki lampier, u li l-paviment tal-knisja kien miksi b'lapidi tad-dfin. Huwa talab li l-altar tal-knisja kellu jitkabbar u jsir f'forma aħjar. L-isqof Pontremoli, fl-1634, fost informazzjoni oħra, isemmi li f'din il-knisja l-pittura titulari tagħha kienet turi l-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan.

Mill-atti taż-żjara tal-isqof Molina fl-1680 jidher biċ-ċar li l-knisja ta' San Ġwann kienet inbniet mill-ġdid wara li l-qadima kienet tħalliet f'kundizzjoni ħazina u spiċċat biex ġiet ipprofanata. Li mhux ċar hu meta tlesta x-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida. Mal-bieb prinċipali tagħha tidher id-data tal-21 ta' Diċembru tal-1675 filwaqt li f'dak laterali insibu d-data tal-1678. Imma l-isqof Molina meta żar lil din il-knisja fl-1680 semma' li għalkemm il-knisja kienet sabiħa kienet għadha mhux lesta u wera x-xewqa tiegħu li ma ddumx ma titlesta. Dan juri li l-bini tal-knisja tlesta ftit żmien wara ż-żjara ta' Molina tal-1680. Issemmi wkoll li l-pittura titulari tagħha kienet turi lil Santu Rokku għax fiċ-ċimiterju kienu ġew midfuna l-imsejknin li kienu mietu bl-imxija tal-pesta tal-1591.




San Ġwann Battista

*Skola ta' Mattia Preti*
*Kappella San Ġwann Battista - Għargħur*

Din il-knisja serviet wkoll bħala l-knisja parrokkjali ta' Ħal Għargħur għal xi żmien bejn l-1612 u l-1638 sakemm inbniet il-knisja l-ġdida parrokkjali ddedikata lil San Bartilmew. Fil-knisja parrokkjali ġdida beda jsir id-dfin ukoll, biex b'hekk iċ-ċimiterju beda jintuża biss fi żmien ta' xi epidemiji. Kien biss fl-1937, meta l-paviment tal-knisja parrokkjali sar tal-irħam, li d-dfin kien reġa' beda jsir fiċ-ċimiterju ta' din il-knisja.

Interessanti wkoll li l-kwadru l-antik ta' San Bartilmew, li kien sar mill-pittur Gaspare Formica, kien oriġinarjament jinstab f'din il-knisja.

Din il-knisja hi mdaqqsa sew u għandha altar wieħed li t-titular tiegħu juri l-magħmudija ta' Ġesù minn San Ġwann il-Battista fix-xmara Ġordan, fi prospettiva sabiħa ħafna ta' stil barrokk. Fin-naħa ta' fuq naraw sopra kwadru li juri lil Madonna mnikkta. Is-saqaf tal-knisja hu troll.



Sopra kwadru li juri lil Madonna mnikkta

Il-faċċata ta' din il-knisja hija wkoll waħda sabiħa. Il-bieb ewlieni tal-knisja hu mdawwar b'żewġ pilastri ta' stil Doriku li fuqhom hemm iserraħ pediment triangulari maqsum. Fuq il-bieb imbagħad insibu tieqa rettangolari u fuqha pediment triangulari li jieħu l-wisgħa tal-knisja kollha. Fil-friż bejn il-gwarniċ tal-bieb u l-pediment triangulari maqsum fuqu hemm dekorazzjoni li tikkonsisti f'għadd ta' *triglifi* ("*triglyphs*" - dekorazzjonijiet vertikali bi tlett elementi weqfin, karatteristiku tal-istil klassiku Doriku). L-ispazju bejn dawn it-triglifi (l-hekk imsejħa l-*metopi* - "*metopes*") hu vojt u mingħajr l-ebda dekorazzjoni. Fuq il-lemin tal-bieb prinċipali hemm irħama bajda b'qasma fiha fejn wieħed jista' jitfa' l-flus. L-irħama turi l-kliem fuqha "*miseremini mei*" li tfisser "*ikollok ħniena minni*". Fuq dan il-bieb hemm kampnar żgħir iddekorat bi skrolli u fih qanpiena ċkejkna. Fil-ġenb tal- knisja nsibu wkoll imwieżeb tal-ilma.



Skultura ta' anġlu stil Barokk

Iċ-ċimiterju kien ġie mkabbar u rinovat fis-snin sebgħin tas- seklu għoxrin. L-aħħar rinovar ta' din il-knisja kien fil-bidu tal-2019, mid-Direttorat tar-Restawr. L-agħar ħsarat instabu fuq il-ġenb li jagħti għal fuq iċ–ċimiterju. Partijiet kbar mill-ġebla kienet fi stat avvanzat ta' deterjorizzazjoni kellhom jinbidlu.

Illum, il-knisja tinsab fi stat tajjeb ħafna u tiftaħ okkażżjonalment, speċjalment fix-xahar ta' Novembru.

*Silta mqassra mill-kitba ta' Roderick Busuttil*
*meħuda minn kitba ta' Francis Pace*
*fil-ktieb "Il-Gargur – In-nies u l-Knejjes tiegħu"*
*Min irid jaqra l-artiklu sħiħ għandu jidħol*
*fis-sit www.Kappellimaltin.com*

Ritratti: N Gingell, Mario Micallef

# Il-Knisja ta' Santa Marija ta' Bernarda, Ħal Għargħur

Fir-raħal tal-Għargħur insibu żewġ knejjes iddedikati lil Santa Marija, waħda mlaqqma "Ta' Bernarda" u l-oħra "Taż-Żellieqa". Din "Ta' Bernarda" tinsab fi trejqa wara l-knisja parrokjali ta' San Bartilmew.



Il-knisja ta' Santa Marija ta' Bernarda

Meta Mons. P. Dusina, il-legat appostoliku, żar il-Għargħur fit-30 ta' Jannar 1575, din "Ta' Bernarda" kienet l-ewwel waħda li żar billi t-triq ewlenija tar-raħal kienet Triq il-Kbira. Il-Knisja kienet inbniet fl-1571 minn Bernarda Cauchi u dak iż-żmien kien jieħu ħsiebha Damjan, ir-raġel ta' Bernarda, billi dan kellu għalqa tad-dwieli u xi djar li ħallihom bħala benefikat lil din il-knisja. Damjan kien obligat li jieħu ħsieb il-Knisja u jorganizza l- festa bl-għasar lejliet il-festa u li jagħmel ikla lill-foqra. Kellu wkoll jixgħel il-lampier kull nhar ta' Sibt. Mons. Dusina ordna li din il-knisja isirulha bibien tal-injam u li ssirilha tiswija kull meta u kull fejn kien hemm bżonn. Sal-1588, din il-knisja kien għad jieħu ħsiebha dan Damjan.

L-Isqof Baldassere Cagliares, fil-viżta tiegħu tal-1615, jgħid li din il-knisja kellha pittura antika żgħira li kienet turi lill-Madonna mal-qaddisin San Kosma u San Damjan. Hu ordna li ssir pittura oħra aħjar u akbar. Hu nnota wkoll li din il-knisja kella terħa fuq l-altar, pjaneta minsuġa, gandlieri u lampier quddiem l-altar. Dak iż-żmien, il-knisja kien jieħu ħsiebha Duminku Mifsud li kien iġorr il-piżijiet u l-obbligi marbutin mal-kappella.

Fil-viżta ta' Mons. Pietro Francesco Pontremoli, il-Vigarju Ġenerali tal-Isqof Cubelles, fl-1634 jindikalna kif il-piżijiet ta' din il-knisja għaddew mingħand il-familja Cauchi għall-familja Mifsud. Jissemma li l-knisja kellha ċimiterju magħha li kont tinżel għalih minn żewġ targiet.

L-Isqof ta' Malta Mons. Giacomo Molina fir-rapport tal-vista pastorali tal-1678-1680, jgħid li filwaqt fl-1615 il-legat kien igawdieh Duminku Mifsud, issa meta zarha, il-legat kien f'idejn Dun Luqa Mifsud. Dan kien talab permess biex jibni l-knisja

Mill-ġdid fl-1653. Il-permess ingħata u bena l-Knisja mill-ġdid fl-1655 (sorsi oħrajn jgħidu li "kienet lesta" fl-1659). Hu kien jorganizza l-festi tal-Madonna mhux biss ta' Santa Marija iżda wkoll is-seba' festi tagħha. Barra minn dan kien obligat iqassam xi ikel u nbid lill-foqra nhar il-festa tal-Assunta kif ukoll li jagħmel il-pranzu lill-Kappillan.



L-altar ewlieni

L-Isqof Alferan de Bussan, fiż-żjara tiegħu tal-1744, jgħid li l-knisja kienet miżmuma tajjeb u li kellha kull ma kien jeħtieġ.

Il-Knisja li naraw illum hi dik li bena Dun Luqa Mifsud fl-1655 u għadha fl-istat oriġinali tagħha. Il-faċċata tal-knisja hi sempliċi u għandha bieb wieħed fin-nofs bejn żewġ pilastri li fuqhom tistrieħ prospettiva dritta. Il-bieb tal-injam fih tieqa żgħira kwadra ġo kull bieba sabiex wieħed ikun jista' jara ġol-knisja anke meta din tkun magħluqa. Aktar 'il fuq, fuq il-bieb, hemm tieqa nofs tond b'warda tal-ġebel. Fuqha hemm pediment triangolari u kampnar żgħir b'salib żgħir tal-ġebel fuqu fin-nofs tal-pediment.

L-altar hu tal-ġebel u qiegħed fuq presbiterju mgħolli 'l fuq mill-bqija tal- kappella b'tarġa. Fuq l-altar hemm pittura tal-Assunta mdawwra bi gwarniċ tal-ġebel, b'pittura oħra fuq ovali li turi lit-Trinità. L-art hi miksija biċ-ċangatura oriġinali u għadha fi stat tajjeb ħafna. Fuq kull naħa tal-altar insibu bank żgħir tal-ġebel. Is-saqaf hu troll u hu maqsum b'erba' kustilji.




It-Tlugħ is-Sema tal-Madonna
*Filippo Dingli (Attiv nofs seklu 17) (att)*
*Kappella Santa Marija (Ta' Bernarda - Għargħur)*

Ġol-knisja insibu pittura tal-Kunċizzjoni, iffirmata minn Filippo Dingli, ħu l-perit Tumas Dingli li bena l-Knisja Parrokkjali tal-Għargħur. Dan il-kwadru tal-Kunċizzjoni hu nteressanti ħafna u rari tara bħalu, għax għalkemm fuq il-Madonna hemm impinġija l-Missier u l-Ispirtu s-Santu, it-Tieni Persuna tat-Trinità ma tidhirx. Iżda l-Madonna hija mpinġija liebsa l-aħmar, (kulur tradizzjonalment assoċjat ma' Ġesù Kristu u mhux mal-Madonna) u hija raffigurata tqila, tistenna li

tagħti lid-dinja l-Iben t'Alla. Forsi din kienet ir-raġuni għaliex din il-pittura kienet twarrbet mill-knisja parrokkjali u nġiebet f'din il- knisja ta' Bernarda. Dan il-kwadru jġib il-firma ta' "*Filippo Dingli pittore Maltese*" u s-sena 1657.

Il-kwadru titulari tal-Knisja, attribwut ukoll lil Filippo Dingli, hu nteressanti ħafna ukoll għax barra li fih naraw lill-Madonna mtellgħa s-sema mdawwra bl-anġli u ħdax-il Appostlu jdawru l-qabar tagħha, hemm ukoll il-figuri tal-qaddisin San Kosma u San Damjan, wieħed fuq kull naħa tal-Madonna. Dawn iż-żewġ qaddisin, l-antiki kienu jsejħulhom "it-tobba ta' Kristu" għalkemm għexu fit-tielet seklu wara Kristu minħabba li kienu tobba. F'dan il-kwadru huma mpinġija fuq is-sħab, wieħed fuq kull naħa tal-Madonna tiela' s-sema. Maġenb kull wieħed minnhom hemm anġlu żgħir - wieħed iżomm palma li turi li mietu martri u l-ieħor iżomm il-palma kif ukoll tazza li fiha qisu għandu ftit biċċiet ġebel kannella bħalma ġieli jitrabba fil-fwied jew fil-marrara tal-bniedem (*gall stones*). F'dan il-kwadru tidher ukoll bħal kaxxa żgħira li fiha dawk li jista' jkunu xi pilloli.

Fl-1720, Dun Ġwann Dumink Mifsud waqqaf il-festa tagħhom fil-knisja Ta' Bernarda billi fis-7 ta' Settembru tal-1720 ħalla legat biex tiġi ċċelebrata quddiesa kantata u għasar fil-festa ta' dawn iż-żewġ qaddisin martri. Din il-festa kienet baqgħet tiġi ċċelebrata fil-knisja Ta' Bernarda sal-1944.

L-aħħar funzioni mportanti li saret f'din il-knisja kienet fid-19 ta' Ottubru, 1941. Dak in-nhar l-Isqof Mikiel Gonzi, li dak iż-żmien kien għadu Isqof t'Għawdex, wara li ta qima lir-relikwi qaddisa, mexxa purċissjoni minn din il-knisja għall-knisja parrokkjali fejn ikkonsagra l-ħames altari tal-knisja ta' San Bartilmew.

Wara li l-knisja għamlet xi snin tintuża biex fiha jintrefa' xi armar tal-festa, għal ħafna snin din spiċċat ma tintużax u mitluqa għal kollox. Imma fis-sena 2021 tlesta ir-restawr tal-arkitettura ta' din il-knisja ċkejkna kif ukoll tal-pitturi permess ta' fondi Ewropej. Ix-xogħolijiet kienu jinkludi wkoll sistema ġdida ta' dawl u awdjo biex il-kappella tkun tista' taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-komunità.



*Silta imqassra mill-kitba ta' Julian Bezzina*

*li dehret fuq is-sit Kappellimaltin.com*.

*Għal qari sħiħ tal-artiklu żuru dan is-sit.*

Ritratti : *N Gingell, Owen Caruana u mill-Internet*

# L-Assunzjoni taż-Żellieqa, Ħal Għargħur

Knisja ħelwa li hemm fil-limiti tal-Għargħur hija bla dubju dik magħrufa l- aktar bħala *taż-Żellieqa*. Din qiegħda int u tiela' mill-wied tal-Madliena, qabel ma taqbad ir-raħal ta' Ħal-Għargħur, hekk kif tiskorri l-palazz Tal- Kmand. Taraha fuq ix-xellug tat-triq, tħares lejn il-lvant.



Il-knisja tal-Assunzjoni taż-Żellieqa

In-nies taf din il-knisja bħala Taż-Żellieqa minħabba t-triq ħażina li kien hemm meta nbniet l-ewwel darba fis-seklu XVI. Illum hemm triq tajba bl- asfalt kif bnewha fl-1946 il-priġunieri tal -gwerra Ġermaniżi, li kien hawn f'Malta. Minbarra minn hekk in-nies kienu jsejjħulha taż-Żellieqa biex ukoll tingħaraf minn kappella oħra żgħira li qiegħda fil-qrib li hija wkoll iddedikata lil Marija Assunta. Din il-kappella l-oħra hija mlaqqma *ta' Bernarda*.

Skont it-tradizzjoni teżisti leġġenda marbuta ma' din il-knisja. Din il-leġġenda tgħid hekk: Kienet waħda mill-ġranet tas-sena 1560, meta skont il-kitba u t-tradizzjoni, il-Madonna dehret lil waħda xebba raħlija, fil-post fejn hemm din il-kappella, u fejqietha mill-marda qalila li kellha. Din ix-xebba bħala ringrazzjament lill-Madonna bniet din il-knisja u ddedikata lit-tlugħ glorjuż fis-sema tal-Verġni Imbierka, jew kif nafuha aħjar aħna l- Maltin, "*L-Assunta*".



It-tfajla tal-leġġenda mfejjqa tirringrazzja lil Madonna

Dan ukoll qalu l-Monsinjur Pietru Dusina fir-rapport tiegħu tal-viżta pastorali li saret fil-Għargħur fl-1575. Dusina kiteb li din ix-xebba kienet għadha ħajja, meta għamel il-viżta Pastorali, imma ma semmiex isimha jew id-data preċiża tal-apparizzjoni.

Din il-knisja inbniet fl-1560, iżda reġgħet ġiet



It-titular wara li ġie rrestawrat fl-2021

mibnija mill-ġdid fl-1650, u din id-darba, l-arkitet tagħha kien il-perit Tomaso Dingli.

Dan kien l-istess perit li għamel il-pjanta tal-knisja parrokjali tal-Għargħur, dik ta' San Bartilmew, fl-1612. Maż-żmien issoktaw isirulha xi tibdiliet jew żidiet. Hekk per eżempju fl-1777 infetħu żewġ twieqi fil-faċċata tagħha. Din il- kappella għanda kampnar wieħed li nbena f'nofs is-seklu għoxrin. Sa żmienna għadhom isiru meljoramenti li jkomplu jsebbħu kif jixraq lil dan it- tempju Marjan.

Din il-knisja għandha altar wieħed li hu kollu kapulavur tal-irħam u kollu skultura stil barokk. Il-kwadru titulari huwa biċċa xogħol mill-isbaħ tal- pittur magħruf Malti Rokku Buhagiar, li juri lill-Madonna tiela s-sema bir - ruħ u l-ġisem. F'din il-knisja hemm ukoll żewġ kwadri oħra antiki, wieħed tal-Madonna ma Santu Rokku u San Bastjan u l-ieħor tal-Lunzjata, li nġiebu mill-knisja parrokjali u ieħor li sar fl-1962 mill Kavallier Emvin Cremona li juri d-dehra tal-Madonna lix-xebba mhux magħrufa.

Fl-1950, fl-okkażjoni tal-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem mill-Papa Piju XII, fil-faċċata ta' barra ta din il-knisja tqiegħdu, bil-permess tal-Arċisqof Metropolita Mons. Mikiel Gonzi, żewġ lapidi tal-irħam, waħda bil-Latin u l-oħra bil-Malti, bil-kliem ta' Mons. Dusina biex ifakkru l-ġrajja prodiġjuża li tat bidu lil din il-knisja u d-devozzjoni tal-Maltin lejn dan is-santwarju.



Il-Madonna inkununata mis-SS Trinita

Il-poplu Malti minn dejjem kellu devozzjoni kbira lejn dan is-Santwarju. U minbarra l-kitba ta' Mons. Dusina fl-1575, insibu li fl-1780, jiġifieri aktar minn mitejn sena wara li kienet inbniet din il-knisja, il-kittieb Gio. Anton Abela Ciantar fil-ktieb tiegħu *"Malta Illustrata"*, ħalla miktub li *"f'din il-knisja jiġu nies minn madwar il-gżira*

*kollha, mhux biss minn dak ir-raħal (ie. il-Għargħur). Dawn jiġu ta' spiss u b'devozzjoni, u jiġu minħabba l-miraklu (li kien sar) u d-devozzjoni tal-lokal".*



It-tħabbira tal-Anġlu

Din id-devozzjoni jerġa' jsemmiha l-Kavallier Achille Ferres meta kiteb dwar din il-knisja fl-1866. Barra min dan hemm dokumenti li ħallew xi Isqfijiet u li jagħtuna aktar tagħrif fuq id-devozzjoni li l-antennati tagħna kellhom lejn Marija Santissima meqjuma f'dan il-post tad-dehra tagħha. Hemm indulġenza ta' 200 jum lil kull min jgħid is-"*Salve Reġina*" quddiem ix-Xbiha Mqaddsa li hemm f'din il-knisja.

Għalkemm forsi d-devozzjoni lejn dan is-Santwarju m'għadiex qawwija bħal ma kienet fl-imgħoddi, b'danakollu sal-lum in-nies tal Għargħur u tal- inħawi għadhom iżommuha b'għożża u b'devozzjoni kbira. Ħafna jagħmlulha wegħdi u ħafna ukoll għadhom iħobbu jippreżentaw it-trabi tagħhom f'din il-knisja bħala devozzjoni speċjali lejn Sidtna Marija, Omm Ġesù. F'din il-knisja isir ukoll il-quddies kull nhar ta' Ħadd.

Fis-sena 2021 ġie inawgurat restawr ta' din il-knisja, kemm tal-arkitettura kif ukoll tal-pitturi. Dan sar mill-Fondazzjoni għall-Patrimonju Kulturali tal-Arċidjoċesi ta' Malta, b'kofinanzjament ta' 80% minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Sarilha xogħol ta' restawr estensiv minn barra u minn ġewwa minħabba d-deterjorazzjoni matul is-snin. L-investiment kien ta' kważi €121,000. Il-proġett kien jinkludi wkoll l-irranġar taz-zuntier. Minn naħa tal-Parroċċa, din ħadet l-opportunità tirrestawra minn flusha l-inkwatru titulari li juri t-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-Sema.



Il-Madonna, Santu Rokku u San Bastjan

*Silta mill-kitba ta' Joe Brincat*

*Li dehret fuq is-sit Kappellimaltin.com*

*Biex taqra l-artiklu sħiħ żur dan is-sit.*

*Ritratti: N Gingell u Internet*